# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023**

**Talba numru 81/2023 SFJ**

**DANIELA LONDNER ( PASSAPORT ISRAELIAN NUMRU 33246004)**

**VS**

**ARTHUR VASSALLO**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu l-attriċi ippremettiet u talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal illi:

- *"Peress illi l-attriċi nkarigat lill-konvenut aċċettanti sabiex jaħdmilha arloġġ tal-lira, skont l-ispeċifikazzjonijiet li ġew pattwiti bejniethom, u dana versu l-prezz komprensiv ta' elf u mitt ewro (EUR 1,100);*
- *Peress illi l-attriċi ħallset lill-konvenut akkont ta' dan il-prezz pagament ta' ħames mitt ewro (EUR500) kif ukoll sussegwentement pagament ieħor ta' sitt mitt ewro (EUR600), u għalhekk, b'kollox, elf u mitt ewro (EUR 1,100), u dana dejjem akkont ta' prezz;*
- *Peress illi l-konvenut, minkdjjz li ġie ripetutament interpellat, ma kkonsenja xejn lill-attriċi, u għalhekk l-attriċi tterminat l-inkarigu tal-konvenut, li allura għandu jrodd il-flus lilu mgħotija akkont tal-prezz lura lill-attriċi;*

- *Peress illi l-konvenut debitament interpellat sabiex irodd lura din is-somma, baqa' inadapjenti;*
- *Peress illi l-attriċi ħatret lill-attur nomine bħala mandatarju speċjali tagħha, bis-saħħa tal-prokura li ġiet mhemuża mal-Atti w immarkata bħala DOK A;*
- *U peress illi għalhekk, kellha ssir din il-kawża, jgħid għalhekk li l-konvenut, għaliex dan ir-rispettabbli Tribunal m'għandux previ għal kull dikjarazzjoni oħra li tkun tidhirlu opportuna jikkundanna iħallas lill-attriċi is-somma ta' elf u mitt ewro (EUR1,100), bl-imgħaxijiet skont il-Liġi, dikorribbli sall-jum tal-ħlas effettiv, kif ukoll bl-ispejjes u bl-inġur tas-subizzjoni tal-konvenut.*

Ra li l-konvenut ġie debitament notifikat fid-29 ta' Marzu 2023 u sad-data tas-seduta w cioe' sal-25 ta' April 2023, ma ġiet ippreżentata l-ebda risposta.

Fis-seduta miżmuma fil-25 ta' April 2023, deher Dr. Mark Simiana għall-attriċi, kif ukoll il-mandatarju speċjali għall-istess attriċi, Dr. Luigi Sansone.

Xehed minn jeddu w bil-ġurament l-Avukat Luigi Sansone kif ukoll ġie ppreżentat Kapitolu.

Il-kawża nfatti ġiet diferita għas-subizzjoni għas-6 ta' Ġunju 2023.

Dr. Luigi Sansone, taħt ġurament, ikkonferma illi l-ammont indikat fl-Avviż għadu dovut u spjega illi l-attriċi kienet ħallset il-flus għal dan l-arloġġ, iżda ma rċeviet l-ebda risposta mingħandu u lanqas l-arloġġ.

Dr. Luigi Sansone wera l-messaġġi ta' Watsapp li għandu fuq il-mobile mingħand il-konvenut lill-ġudikatur u ddikjara wkoll taħt ġurament illi hu kien kellmu personalment u dan kien ikkonferma miegħu illi kien irċieva l-pagament, u skont Dr. Sansone, il-flus tħallsu' cash', cioe' bi flus kontanti minghajr ma nghatghat rcevuta.

**<u>Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet tat -Tribunal</u>**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

It-Tribunal jirreferi, partikolarment, għax-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone, li ngħatat taħt ġurament, u jemmen lill-istess xhud, u għalhekk ma jsibx diffikulta' illi jikkonkludi li l-attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-Avviż tat-talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, għalhekk, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha is-somma ta' elf u mitt ewro (Eur 1,100), bl-imgħaxx, liema imgħaxx għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-Liġi mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjes kolha ta' din il-kawża jitħallsu wkoll mill-konvenut.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**